MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 155/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra l-imsemmi Robert Camilleri talli fit-18 ta’ April 2009 ghall-habta tat-3.00 a.m. gewwa l-Pjazza tas-Saqqajja, Rabat, saq vettura numru KBL-512:

(1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u habat ma’ vettura numru TAZ-210 u nvolontarjament kkagunalha hsarat ghad-dannu ta’ Emanuel Xuereb;

(2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Xuereb hekk kif ccertifika Dr. Borg MD mill-MDH.

Il-prosekuzjoni talbet lill-Qorti li l-imsemmi Emanuel Xuereb tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Robert Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' elf euro (€1000) u ssospendietu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Robert Camilleri pprezentat fis-7 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; (2) li l-prosekuzzjoni ma rnexxilxhiex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda l-prova tal-htija; (3) li l-ewwel Qorti messha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena nflitta kienet wahda eccessiva.

L-ewwel tliet aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti fil-fatt semghet mill-gdid lil Emanuel Xuereb, il-parti leza, u lill-appellant. Dak li xehdu jista' jingabar fil-qosor hekk:

**Emanuel Xuereb** xehed illi tela' s-Saqqajja ghat-tfal u waqaf "fejn il-Bank of Valletta" u "f'daqqa wahda daqqa minn wara nkredibbli li ntlift minn sensija." Huwa qal li fil-mument ta' l-impatt kien ipparkjat, kellu s-*seatbelt*, id-dawl mixghul u wieqaf fejn il-Bank of Valletta, u minghalih kienet ghadha startjata. Qal li kien mal-bankina. Bid-daqqa spicca n-naha l-ohra tat-triq u l-karroza tieghu kienet *total loss*. Bejn il-mument li waqaf u d-daqqa ghaddew biss minuta jew minuta u nofs. In kontro-ezami rega' qal li huwa waqaf mal-bankina. Karozzi ma kienx hemm la quddiemu u lanqas warajh. Meta waqaf baqa' bid-dawl mixghul u bis-*seatbelt* ghax kienet tigieh aghar. Ma jiftakarx tellax il-*handbrake* izda jassumi li tellghu. Mistoqsi jekk id-dinamika ta' l-incident kinitx differenti, u cioe` li meta waslet it-tifla u minflok kienet se taqsam hi, qala' hu minn fejn kien ipparkjat, wiegeb li "mhu veru xejn, wieqaf kont". Mistoqsi kif bid-daqqa mexa lejn in-naha l-ohra tal-pjazza u mhux 'il quddiem, wiegeb li hu ntilef minn sensieh bid-daqqa u rega' cahad li qala' minn fejn kien wieqaf. Lit-tifla ma kienx raha qabel id-daqqa.

**L-appellant** xehed illi kien spicca mix-xoghol f'xis-1.30 a.m. u kien tiela' d-dar. Meta dar mar-*roundabout* ghas-Saqqajja, it-triq kienet vojta u f'daqqa wahda minn fejn il-BOV qasmet karozza lejn il-venda tal-linja u hu laqatha fuq wara fuq ix-xellug. Il-karozza kienet mal-bankina bid-dawl mitfi u *indicator* xejn. Huwa qal li jaqbel ma' l-iskizz li gie esebit quddiem din il-Qorti. Huwa laqat dik il-karozza bin-naha tal-lemin ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug ta' wara u spiccat n-naha l-ohra tal-pjazza. L-appellant qal li kif laqat il-karozza l-ohra huwa waqaf fuq il-post. Mar jigri u fetah il-bieba tal-karozza li kuien laqat. Ix-xufier kien bla *seatbelt*, kellu d-demm ma' wiccu, mar jigri ghall-vettura tieghu biex igib xi *tissues*, tahomlu, dak il-hin tkellem u beda jimsah wiccu bihom. Dak il-hin giet it-tifla tieghu. L-appellant qal li huwa waqaf fil-*lane* tieghu u mhux fil-*lane* tal-*parking*. In kontro-ezami l-appellant qal li kien qieghed

isuq b'xi 40 jew 45 k.f.s. Mistoqsi kif allura l-karozza ta' Emanuel Xuereb spiccat in-naha l-ohra wiegeb "Ghax qasmitli minn quddiemi." Qal li d-daqqa hi fuq wara ghax l-karozza qasmet "tipo *U-turn*". Kien wieqaf mal-bankina u qasam dak il-hin. Qal li nduna bil-karozza l-ohra ezatt kif qasam u ma kienx hemm cans jibbrejkja. "Jigifieri qieghed insuq u f'daqqa wahda qabad u qasam minn quddiemi."

Il-prosekuzzjoni pprezentat ukoll quddiem l-ewwel Qorti affidavit ta' **W.P.S. J. Giordmaina** li marret fuq il-post ta' l-incident, osservat il-pozizzjoni li spiccaw fiha l-vetturi u ddeskriviet id-danni li sofrew il-vetturi. Hija tat il-verzjonijiet li tawha x-xufiera: "Emanuel Xuereb, xufier ta' vettura TAZ-210 stqarr 'jien tlajt ghat-tifla s-Saqqajja, tfajt fil-genb, u fid-daqqa u l-hin hassejt id-daqqa u ma nafx x'gara ghax hadt daqqa ma' l-i*steering*'. Adam Zahra sid vettura ABG-498 stqarr 'il-vettura kienet ipparkjata'; filwaqt li Robert Camilleri xufier ta' vettura KBL-512 stqarr 'kont qed insuq normali u f'daqqa wahda rajt karozza pparkjata fin-nofs tat-triq u kif rajtha ghafast il-brake. Jien ghalija l-vettura ma kellhiex dawl u lanqas kien fil-lane'."

Jigi mill-ewwel osservat illi meta l-appellant xehed quddiem din il-Qorti, u probabbilment anke meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, huwa qal illi l-incident sehh ghax il-karozza qabdet u qasmet lejn il-venda, filwaqt illi minn dan ma jidher li qal xejn lill-Pulizija u kull ma qal li kien hemm karozza pparkjata fin-nofs tat-triq. Mill-banda l-ohra, mill-pozizzjoni tal-hsara principali fuq il-vetturi – in-naha tal-lemin ta' quddiem tal-vettura ta' l-appellant u n-naha ta' wara tax-xellug tal-karozza ta' Emanuel Xuereb – il-karozza ta' Xuereb ma setghetx kienet fil-*parking lane*, cioe` mal-bankina. In effetti din il-Qorti osservat illi Emanuel Xuereb kien daqsxejn titubanti fuq il-pedana tax-xhieda meta gie mistoqsi dwar il-pozizzjoni tieghu fil-mument tal-habta, u specifikatament jekk kienx <u>mal-bankina</u>. Jigifieri din il-Qorti tara li kien hemm nuqqas da parti ta' Emanuel Xuereb minhabba li ma waqafx mal-bankina. Naturalment dan xorta ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' tieghu ghall-incident peress li, kif gie ritenut mill-Qrati taghna, in-negligenza kontributorja ma

tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru[1].

In effetti tara li primarjament l-incident gara minhabba dizattenzjoni ta' l-appellant li ma rax *what was in plain view*. Barra minn hekk il-hsara li garrbet il-karozza ta' Xuereb fuq wara tindika li qalghet "daqqa soda" u dal-fattur huwa indikattiv ta' certa velocita`. Il-fatt li l-karozza ta' Xuereb giet imbuttata 'l quddiem izda n-naha l-ohra tat-triq u n-natura tad-daqqa fuq wara ta' dik il-karozza – spostament lejn ix-xellug – jistghu jindikaw li fil-hin tad-daqqa dik il-karozza kienet xi ftit angolata, izda huwa fattur ukoll li jindika certa velocita`.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Roger Bugeja** fit-30 ta' Gunju 1962 (Vol. XLVI.iv.873) intqal hekk:

**"Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu speed perikoluz, imma jista' jkun tali f'determinati cirkustanzi (App. Krim. 'Pul. vs. Sapiano', 23 ta' Jannar 1960; 'Pul. vs. Galea', 5 ta' Novembru 1960); u f'dawk ic-cirkustanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument (ara wkoll Crim. Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836)."** [1]

Ghaldaqstant l-ewwel tliet aggravji huma michuda.

Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena, l-appellant instab hati ghall-ksur ta' l-artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-artikolu 226(1)(b) il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Il-piena skond l-artikolu 328(d) hi ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 il-piena nflitta

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Neville John Psaila**, 20 ta' Marzu 2003; **Il-Pulizija v. Francis W. P. G. Zarb Adami**, 7 ta' Frar 2003; **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Kenneth Borg**, 18 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Anthony Chircop**, 11 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Robert Pace**, 11 ta' Gunju 2001.

mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi. L-istess jista' jinghad ghall-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan, u dan a tenur ta' l-artikolu 30(b) tal-Kap. 9. Irid jinghad illi l-ewwel Qorti waslet ghall-piena wara li hadet in konsiderazzjoni negligenza kontributorja da parti ta' Emanuel Xuereb.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' skwalifika jibda minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------